Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 126/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Mangion**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Mangion talli fil-15 ta' Jannar, 2003 f'Birkirkara ghamel lil Edgar Bonnici Cachia ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat l-azzjoni l-preskritta u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-2 ta' Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali jikkontendi li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel qorti, ma kien iddekorra ebda periodu ta' preskrizzjoni.

L-imputazzjoni tipotizza reat kontravvenzjonali li hu wkoll reat istantanju. Il-preskrizzjoni hija, ghalhekk, ta' tlett xhur mid-data tal-kummissjoni tal-allegat reat. Ir-reat allegatament sar fil-15/1/03. Kif jirrisulta mir-riferta ezibita a fol. 5 tal-process, l-appellat, allura imputat, Mangion gie notifikat fit-8/4/03 – fatt, dan, rikonoxxut anke fis-sentenza appellata. Malli l-imputat gie hekk notifikat – u dan entro t-tlett xhur – il-preskrizzjoni giet jew sospiza *durante iudicium* (Art. 687(2), Kap. 9) jekk hu gie notifikat bl-imputazzjoni, jew interrotta (Art. 693(1), Kap. 9) jekk hu gie notifikat biss b'att tal-procediment (bhalma tkun is-semplici data ta' meta huwa ghandu jidher). L-imputazzjoni ghandha fi kwalunkwe kaz titqies li giet notifikata lill-imputat fit-23 ta' Gunju, 2003, cioe` meta huwa deher u nqratlu l-imputazzjoni (Artikoli 374(*i*)(i) u 375(c), Kap.9). Fiz-zewg kazi fit-23 ta' Gunju, 2003 il-preskrizzjoni ma kientx ghadha ddekorriet. Ghalhekk id-decizjoni ta' l-ewwel qorti kienet zbaljata, x'aktarx il-frott ta' komputazzjoni matematika zbaljata.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jigu rinvjati minnufih lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tissokta tisma' l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------